# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur
## AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE

## Seduta tal-Erbgħa, 5 ta' Ġunju 2019

## Talba Numru 568/2017SFJ

## *Raymond Degabriele (514360M)*
## *vs.*
## *Mansito Group Limited (C71541)*

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fid-29 ta' Diċembru 2017 li fih ġie premess is-segwenti:

> "*L-attur irrenda ċerti servizzi lis-soċjetà intimata biex tibni gym f' M'Scala. Dawn ġew mitluba minnha stess. Għamel il-kuntatti neċessarji mas-sidien tal-gym. Oltre minn hekk, inkariga accountant għall-bżonnijiet tal-istess soċjetà intimata.*
>
> *Huwa tħallas ammont identiku mis-sid tal-gym. Is-soċjetà intimata avvanzatlu somma ta' flus biex jitħallas l-accountant. Mill-ammont dovut tnaqqas il-bilanċ ta' seba' mija u ħamsin Ewro (€750). Għalhekk baqa' bilanċ ta' €3,350 (tlett elef u tlett mija u ħamsin Ewro).*
>
> *Debitament interpellati baqgħu inadempjenti u ma ħallsitx.*
>
> *Bl-ispejjeż inkluż dawk tal-ittra uffiċjali datata 20 ta' Lulju 2017 u bl-interessi sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimata u llum inġunta għas-subizzjoni.*"

Ra li ma ġew ippreżentati ebda dokumenti mal-Avviż tat-Talba.

Ra li r-riferta relattiva, datata 18 ta' Jannar 2018, tindika li s-soċjetà konvenuta ġiet debitament innotifikata bl-Avviż tat-Talba u bl-Avviż tas-Smigħ nhar is-16 ta' Jannar 2018.

Ra r-Risposta tas-soċjetà konvenuta ippreżentata fid-29 ta' Jannar 2018 li permezz tagħha s-soċjetà konvenuta eċċepiet is-segwenti:

> "*Illi t-talba tar-rikorrent hija infondata għal kollox fil-fatt u fid-dritt stante illi huwa jaf ben tajjeb illi ma kien hemm qatt il-ftehim li huwa qed jallega li kien hemm għas-servizzi allegati u matul it-trattazzjoni tal-kawża ser jitressqu xhieda li jikkorroboraw tali għarfien da parti tar-rikorrenti.*
>
> *Illi inoltre, il-pagament li għalih qed jirreferi r-rikorrent kien magħmul ex gratia u bla preġudizzju.*
>
> *Għaldaqstant ser jiġu rilevati, matul it-trattazzjoni tal-kawża, fatti indisputabbli li jkomplu jikkorroboraw b'mod ampju l-fatt li l-allegazzjoni ta' xi ftehim tas-servizz riferut mir-rikorrenti hija għal kollox infondata u għaldaqstant it-talba tar-rikorrenti għanda tiġi respinta in toto.*"

Sema x-xhieda kollha, qara d-dokumentazzjoni kollha ippreżentata, sema' t-trattazzjoni finali li saret tul is-seduta tad-29 ta' April 2019 u ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għall-5 ta' Ġunju 2019.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

F'din il-kawża, l-attur qiegħed jitlob l-ammont ta' tlett elef u tlett mija u ħamsin Ewro (€3,350) in linea ta' servizzi ta' senserija li huwa irrenda lis-soċjetà konvenuta meta Angelo Manna, li huwa diriġent tal-istess soċjetà, infurmah li xtaq jiftaħ *gym* fil-kumpless "Ta' Monita" f'Marsaskala. Is-soċjetà konvenuta tinsab opposta għat-talba tar-rikorrent u targumenta li qatt ma kien hemm ftehim għal servizzi ta' senserija u kwalsiasi pagament li sar kien fil-fatt pagament *ex gratia*.

Qabel xejn, it-Tribunal josserva li la l-Avviż tat-Talba u lanqas ir-Risposta ma jsemmu l-kelma "senserija" espliċitament. Madankollu, it-Tribunal jirreferi għax-xhieda tal-attur stess fis-seduta tal-5 ta' Ġunju 2018 u hemm jidher ċar li l-pretensjonijiet tal-attur huma preċiżament dwar senserija. Fil-fatt, l-attur xehed hekk:

> "*I am a freelancer giving services in brokerage Angelo Manna and his partner have asked me to find a place for them to start a gymnasium business in Malta. I found a place after conducting searches.*"

F'dan ir-rigward, it-Tribunal jirreferi anki għax-xhieda ta' Maurice Tabone fis-seduta tal-5 ta' Ġunju 2018 fejn dan xehed:

> "*I set up a meeting with Mr Raymond Degabriele who introduced me to Mr Angelo Manna when it got a bit serious I asked Mr Raymond Degabriele whether he was doing this as a friend of Mr Manna or whether he was an agent. He told me that he was a friend of Mr Manna but he was expecting the payment of a commission from us.*"

Għalhekk, it-Tribunal ma jsibx diffikultà jifhem li l-ammont pretiż mill-attur huwa hekk pretiż in linea ta' allegati servizzi ta' senserija.

It-Tribunal josserva li mill-Avviż tat-Talba u mir-Risposta, iżda speċjalment mir-Risposta, huwa ċarissimu li d-difiża proposta mis-soċjetà konvenuta m'hix li s-servizzi ma ġewx reżi, iżda li ma kien hemm ebda ftehim għal servizzi u li l-pretensjonijiet tal-attur kienu infondati stante li kwalsiasi pagament li sar, kien sar *ex gratia*. It-Tribunal hawn jirreferi mill-ġdid għax-xhieda ta' Maurice Tabone (prodott in eżami mill-attur) li xehed li huwa kien staqsa lill-attur *point blank* jekk kienx qiegħed jaġixxi *qua* aġent jew bħala ħabib u l-attur wieġeb li għalkemm huwa kien ħabib ta' Angelo Manna, kien qiegħed jistenna li jitħallas.

Fis-sentenza ***<u>Legend Real Estate Limited vs. Paul Pisani</u>*** (deċiża mill-Prim' Awla fid-29 ta' Ottubru 2004), ġie spjegat hekk dwar is-senserija:

> "*Biex jiskatta d-dritt ghas-senserija jridu jikkonkorru tlett elementi principali: (1) illi l-konkluzjoni tan-negozju prospettat; (2) Illi l-intromissjoni tas-sensar tkun giet rikjesta jew almenu accetata miz-zewg kontraenti; u (3) Illi l-attività tas-sensal tkun wasslet lill-partijiet ghal in idem placitum consensus. Fin-nuqqas ta' wiehed minn dawn l-ingredjenti ma tistax tigi sostnuta talba ghal hlas ta' senserija, imma jista' biss 'per equipollens' jinghata kumpens ghax-xoghol maghmul, fuq il-massima legali li omnia labor optat premium.*

> *L-iskop principali ta' kwalunkwe persuna sabiex takkwista d-dritt ta' medjazzjoni huwa dak li tlaqqa' l-kunsensi tal-partijiet interessati fl-operazzjoni wara li jiehu sehem attivi u intelligenti fil-progettata u proposta konvenzjoni. Ghall-akkwist tas-senserija, is-sensal irid jara li permezz tieghu hu jlaqqa l-partijiet interessati fuq dawk l-elementi tal-operazzjoni klassikament imsejjha "is-sostanzjali u l-accidentali" tal-kuntratt.*
>
> *Jekk is-sensal ikun ikkoncilja l-partijiet dwar is-sostanzjali u accidentali ta' l-operazzjoni, b' mod li n-negozju guridiku jigi konkjuz, allura, jekk ix-xoghol tieghu ma jkunx koronat bl-esekuzzjoni effettiva ghal xi raguni, li ma tkunx it-tort jew il-fatt tieghu, hu ghandu dejjem dritt ghall-hlas; izda mhux ghas-senserija piena, imma ghal kumpens in bazi ghal mandat jew lokazzjoni d'opera fissabbli diskrezzjonalment mill-Qorti.*
>
> *Fejn imbaghad ma ssehx il-vera u proprja senserija it-temperament tal-kumpens, introdott fil-gurisprudenza lokali, biex isehh jirid jippresupponi inkarigu espress jew tacitu, u xi xoghol u mhux li bniedem semplicement jaghti informazzjoni bla ma jaghmel xejn aktar, cioe' bla ma jadopera ruhu bl-ebda mod iehor.*
>
> *Dejjem gie ritenut mill-Qrati taghna li biex wiehed ikollu dritt ghas-senserija hemm bzonn li s-sensar ikun wassal lill-partijiet ghall-ftehim definittiv fuq il-kondizzjonijiet kollha, kemm sostanzjali u kemm accidentali ta' l-operazzjonijiet, kif ukoll li s-sensar ikun gie accetat mill-partijiet involuti, jigifieri hemm bzonn li z-zewg partijiet ikunu qabbdu jew almenu accettaw lis-sensar bhala tal; iu konsegwentement ma jirrikorrux l-elementi tas-senserija izda ta' semplici locatio operarum meta l-persuna tkun intommettiet ruhha b' inkariku ta' wahda biss mill-partijiet.*"

Fis-sentenza ***Louis Fava vs. Av. Philip Attard Montalto et noe*** (deċiża mill-Qorti tal-Appell [Superjuri] fis-16 ta' April 2004) intqal hekk:

> "*Sabiex persuna tkun intitolata ghas-senserija jrid jirrizulta li:-*
>
> *a) l-intromissjoni tal-medjatur tkun accettata miz-zewg nahat, anke tacitament; u*
> *b) Illi bhala rizultat ta' l-opera tal-medjatur isir il-ftehim bejn il-partijiet.*
>
> *Biex persuna tkun intitolata titlob senserija, prossenetiku, jehtieg, fost affarijiet ohra, li l-intromissjoni taghha tkun giet rikjesta, jew almenu accettata, sija pure tacitament, miz-zewg kontraenti; jigifieri hemm bzonn li l-partijiet ikunu nkarikaw, jew almenu accettaw, is-sensal bhala tali. Meta ma jirrikorrux l-elementi tas-senserija, allura l-persuna li tkun intromettiet ruhha b'inkarigu ta' wahda mill-partijiet, tista' jkollha jedd ghall-kumpens bhala lokatrici d'opera. Ghaldaqstant ma jistax ikun hemm lok la ghal senserija u lanqas ghal kumpens bhala mandatarju retribwibili, meta ma jkunx hemm inkariku jew accettazzjoni tas-servigi.*"

Filwaqt li t-Tribunal jirreferi għall-elementi tas-senserija spjegati fil-ġurisprudenza ċitata, josserva dak li ntqal mid-diversi xhieda.

L-attur spjega fix-xhieda tiegħu li ntalab minn Angelo Manna u mill-*business partner* ta' Manna sabiex isibilhom post minn fejn setgħu joperaw negozju ta' *gym*. Huwa introduċa lil Manna ma' Edward Messina Ferrante, li jieħu ħsieb *sales* u *marketing* relattivament għall-kumpless Ta' Monita. Messina Ferrante mbagħad introduċihom lil Maurice Tabone, li jaħdem ma' Tumas Gasan Group u huwa inkarigat mis-*sales*.

<u>Skont l-attur</u>, Maurice Tabone aċċetta li jħallas għaxra fil-mija (10%) tal-ammont li kien ser ikun imħallas fis-sena għall-kiri tal-post bħala ħlas għal servizzi ta' senserija. Min-naħa l-oħra, l-attur xehed li Manna ma ħallasx u r-raġuni kienet li billi kienu ħbieb, ħaseb li ma kellux għalfejn iħallas. L-attur kompla jixhed li Manna talbu jsib persuna li setgħet tipprovdi xi servizzi finanzjarji. L-attur introduċihom lill-awditur Lindsay Axiaq. Manna ħallas elf Ewro (€1,000) lill-attur bħala miżati għall-ftuħ ta' kumpanija. Billi iżda irriżulta li Axiaq kienet taħdem fuq dawn l-affarjiet *part-time*, Manna ried persuna oħra. Axiaq bagħtet kont ta' mitejn u ħamsin Ewro (€250) u l-attur ħallasha mill-elf Ewro (€1,000) li Manna kien tah għall-formazzjoni tal-

kumpanija. L-attur imbagħad qal li huwa żamm il-bqija, jiġifieri seba' mija u ħamsin Ewro (€750) bħala ħlas parzjali tal-*commission* dovuta lilu in linea ta' senserija.

It-Tribunal hawn jirreferi għall-*invoice* ippreżentata a fol. 21 tal-proċess, liema invoice għall-ammont ta' mitejn u ħamsin Ewro (€250) nħarġet minn Lindsay Axiaq (*Certified Public Accountant*) għall-preparazzjoni tal-*Memorandum and Articles of Association*. L-*invoice* kienet indirizzata lil Mansito Group Limited.

Rigward il-fond li kellu jkun mikri sabiex issir il-*gym*, l-attur xehed li dan kien għadu *shell form* u kien jonqsu li jitlesta. Fuq domanda tat-Tribunal, l-attur xehed li kien id-dmir ta' Tumas Gasan Group li jsib il-ħaddiema sabiex isir il-*finishing*.

Mill-kontro-eżami tal-attur, irriżulta li l-attur u Angelo Manna kienu ilhom jafu lil xulxin mis-sena 2015 meta l-attur kien jaħdem mad-ditta tal-kiri tal-karozzi *Avis* bħala *fleet controller* u kien jagħmel xogħol ta' senserija *part time*.

It-Tribunal issa jirreferi għax-xhieda ta' Edward Messina Ferrante. Dan beda biex xehed li kien l-attur li introduċa lil Angelo Manna lil Messina Ferrante. Għall-ewwel, l-attur u Angelo Manna riedu jaraw appartament. Meta tul id-diskussjonijiet irriżulta li Manna ried jiftaħ *gym*, ġiet innegozjata kirja għal post li seta' jospita *gym*. Messina Ferrante wera' l-post lill-attur u lil Manna iżda mbagħad, Maurice Tabone beda jieħu ħsieb in-negozjati u Messina Ferrante nqata' l-barra. In kontro-eżami, Messina Ferrante qal li kien biss fit-tieni laqgħa li ġie iċċarat li Manna ried post għal *gym*. Inizjalment, l-attur kien dejjem qal lil Messina Ferrante li Manna u xi nies oħrajn li dehru li kienu ħbieb ta' Manna riedu jixtru jew jikru xi fond. Messina Ferrante kompla jgħid li minn dejjem kien jaf li l-attur u Manna kienu ħbieb jew kollegi iżda l-kelma "*broker*" qatt ma kienet intużat biex tiddeskrivi lill-attur u l-attur qatt ma qal lil Messina Ferrante li hu kien "*broker*" għal Manna.

In ri-eżami, Messina Ferrante xehed li fl-ewwel laqgħa, kien biss l-attur li kien preżenti flimkien ma' Messina Ferrante u l-attur qallu li kien qiegħed ifittex post li xi ħbieb tiegħu riedu jikru jew jixtru.

It-Tribunal idur issa għax-xhieda ta' Maurice Tabone. Dan xehed li hu kien jaħdem fi ħdan Tumas Gasan Group u kien inkarigat mis-*sales*. Darba fost l-oħrajn, irċieva telefonata mingħand Edward Messina Ferrante fejn dan qallu li kellu quddiemu persuna jew ħabib li ried jikri post sabiex jiġġestixxi negozju ta' *gym*. Tabone għamel laqgħa mal-attur u Angelo Manna. Tul din il-laqgħa, Tabone staqsa lill-attur direttament jekk kienx qiegħed jaġixxi bħala ħabib ta' Manna jew bħala aġent. Skont Tabone, l-attur wieġeb li għalkemm hu kien ħabib ta' Manna, kien qiegħed jistenna li jitħallas għas-servizzi tiegħu minn Tumas Gasan Group. Tabone ma staqsiehx jekk kienx ser jitlob *commission* anki mingħand Manna għax dak il-punt ma kienx jikkonċernahom. Tabone xehed li n-negozjati relattivi ħadu numru ta' xhur u kien hemm diversi laqgħat u ikliet sakemm waslu għal ftehim. Billi l-attur kien qalilhom li kien aġent, huma (Tumas Gasan Group) ħallsuh is-solita miżata li kienet tammonta għal għaxra fil-mija (10%) tal-ammont dovut bħala kirja kull sena. Dan il-pagament sar darba biss.

It-Tribunal hawn jirreferi għad-dokument ippreżentat a fol. 20 li huwa ittra maħruġa minn TumasGasan Operators Limited datata 16 ta' Jannar 2017 indirizzata lill-attur li tgħid hekk:

> "*Enclosed is BOV cheque number 83 amounting to €4,100.00 being settlement of commission due on the rental of the Cafeteria and Gym at Ta' Monita Residential Apartments, Marsascala.*
>
> *Kindly acknowledge receipt.*"

In kontro-eżami, Tabone xehed li tul il-laqgħat, ma kellux dubju li l-attur u Manna kienu ħbieb sewwa jew għall-inqas, dehru li kienu ħbieb sewwa. Xehed li diversi drabi ra sitwazzjonijiet fejn persuni jkunu ħbieb tul in-negozjati iżda fl-aħħar, jitolbu *commission*. Tabone mbagħad qal li n-negozjati ħadu madwar xahrejn jew tlett xhur u kompla jixhed li kien hemm drabi fejn l-attur kien preżenti u oħrajn fejn ma kienx. In-negozjati saru bejn Manna u Tabone iżda l-attur kien preżenti "*on occasions*". Tabone ikkonkluda billi qal li d-dettalji tal-kirja ġew konklużi bejnu u bejn Manna. Finalment, għalkemm Tabone xehed li Manna kien kellem xi avukat jew *accountant* tul in-negozjati, ma deherlux li Manna qatt ġab xi traduttur miegħu.

Angelo Manna, li huwa azzjonist u direttur tas-soċjetà konvenuta, xehed hekk (in eżami):

- Il-kumpanija tiegħu nfetħet fis-sena 2015.

- Huwa ltaqa' mal-attur permezz ta' ħabib Taljan waqt ikla f'restorant.

- Meta ltaqgħu, Manna u l-attur tkellmu fis-sens li kien hemm xewqa li jiftħu kumpanija f'Malta u minn hemm 'il quddiem, saru ħbieb.

- Manna sar jaf li l-attur kien jaħdem f'kumpanija tal-kiri tal-karozzi u fil-fatt, għamillu diversi pjaċiri.

- L-attur qatt ma qal lil Manna li hu kien xi aġent jew intermedjarju fil-proprjetà.

- L-attur u Manna kielu flimkien mill-anqas għaxar darbiet u dejjem ħallas Manna.

- Fuq domanda tat-Tribunal dwar meta ġiet l-idea ta' *gym*, Manna wieġeb li din l-idea dejjem kienet fi ħsiebu fis-sens li hu ġie Malta speċifikament biex jiftaħ *gym*.

- Fuq domanda oħra tat-Tribunal dwar kif daħal l-attur fl-istorja tal-ftuħ tal-*gym*, Manna wieġeb li darba kien qed jitkellem ma' xi nies ta' Tumas Group u peress li kien ħabib tal-attur, talab lill-attur jakkumpanjah għall-laqgħa sabiex iservi ta' interpretu billi hu (Manna) ma kien jaf la Malti u lanqas Ingliż. Dan kien pjaċir li Manna talab lill-attur.

- Manna xehed li hu ltaqa' xi seba' jew tmien darbiet man-nies ta' Tumas Group u l-attur kien preżenti darba jew darbtejn bħala ħabib u traduttur.

- Tul dawn il-laqgħat, l-attur beda jitkellem bil-Malti, bl-Ingliż u bit-Taljan skont il-ħtieġa.

- L-attur ma kienx preżenti meta ġie biex jiġi ffirmat il-kuntratt.

- Wara li ġie ffirmat il-kuntratt, l-attur u Manna baqgħu ħbieb u ġieli marru jieklu flimkien. Wara madwar tlett xhur jew iktar, Manna rċieva messaġġ tramite *WhatsApp* fejn l-attur indikalu li kellu jagħtih madwar erbat elef Ewro (€4,000) bħala *commission*. Manna kien sorpriż ħafna anki għax ma kienx jaf li l-attur kien aġent u f'dak il-ħin, talbu joħroġ *invoice*.

- Wara dan l-inċident, il-ħbiberija bejn l-attur u Manna sfaxxat għax Manna ma kienx qed jistenna li jintalab iħallas.

- Il-flus li kien għadda lill-attur kienu elf u mitejn Ewro (€1,200) għal konsulenza ta' *accounts* sabiex l-attur jgħaddihom lill-*accountant*.

In kontro-eżami, Manna xehed hekk:

- Manna innega li hu talab lill-attur isiblu xi post għall-kiri.

- Huwa ikkonferma li l-attur kien miegħu ġranet sħaħ idawru minn post għal ieħor sabiex isibu post xieraq għall-kiri.

- Manna kien jaf min hu Maurice Tabone.

It-Tribunal josserva li mix-xhieda u mid-dokumentazzjoni ippreżentata, jidher li fil-fatt, il-kuntratt relattiv ġie ffirmat. <u>Dan ikkonfermah Manna stess meta xehed li l-attur ma kienx preżenti meta ġie ffirmat il-kuntratt.</u> Inoltre, it-Tribunal jirreferi anki għal diversi *e-mails* skambjati, deskritti kif ġej:

- *E-mail* mibgħut minn Maurice Tabone lill-attur (a fol. 22) fejn Tabone qal li l-*commencement date* għall-ħlas tal-kirja kienet l-1 ta' Settembru 2016;

- *E-mail* mibgħut mill-attur lil Maurice Tabone (a fol. 26) fejn l-attur fakkar lil Tabone li Tumas Group kellu jħallsu l-*commission*. Fl-istess *e-mail*, l-attur kiteb "*I trust that the rent which was due in September is paid by now as we have commenced October*"; u

- *E-mail* a fol. 28 li permezz tagħha l-attur talab lil Maurice Tabone sabiex jitħallas il-*commission* dovuta lilu "*with reference to the positive conclusion of your negotiations and signature of the contract with regards to the lease of premises at Ta' Monita residence, now being used as a Cafeteria and a Gym as agreed between us*".

Nonostante dan, it-Tribunal josserva li sabiex jipproduċi l-aħjar prova possibbli, l-attur messu ippreżenta wkoll kopja tal-kuntratt tal-kirja.

It-Tribunal ra li tul il-kontro-eżami li sarlu, Manna ikkontradixxa lilu nnifsu. Filwaqt li fil-bidu, Manna qal li hu qatt ma kien talab lill-attur isiblu post għall-kiri, huwa ikkonferma li l-attur dawru diversi postijiet. Id-diskors preċiż li sar kien hekk:

| | |
|---|---|
| "*Dr Luke Valletta:* | *Do you remember asking him to find a place for rent?* |
| *The Tribunal:* | *Tu ricordi che l'hai chiesto di cercare un posto logo di per affitto?* |
| *The Witness:* | *No.* |
| *The Tribunal:* | *Le ma niftakarx.* |
| *Dr Luke Valletta:* | *Do you remember Ray Degabriele driving around with you to find places for rental a Malta?* |
| *The Tribunal:* | *Tu ricordi che lui ha guidato con te?* |
| *The Witness:* | *Eravamo tutti giorno insieme.* |
| *The Tribunal:* | *No, no. La domanda e' – tu ricordi che lui ha guidato la macchina cioe` e venuto con te in giro per cercare un posto per te per affittare?* |
| *The Witness:* | *Si, pratticamente si; perche?, perche` lui era sempre con me, dalla mattina alla sera.* |
| *The Tribunal:* | *Iva, dan huwa minnu ghax hu kien mieghi minn filghodu sa filghaxija.*" |

Wara li jaqra dan kollu, it-Tribunal isibha ferm diffiċli jemmen il-verżjoni tas-soċjetà konvenuta, jiġifieri li l-attur dejjem aġixxa bħala ħabib meta anki dawru diversi postijiet sabiex isibu post addattat li jogħġob lil Angelo Manna. Dan mhux aġir ta' ħabib, iżda ta' sensar. Aktarx li sempliċi ħabib ma jitlaqx kollox minn idejh u jdawwar persuna diversi postijiet sakemm din issib fond xieraq għan-negozju li tixtieq tagħmel. It-Tribunal ma jemminx li l-attur kien biss ħabib u aġixxa *senza interessi* meta skont Manna stess, kien miegħu minn filgħodu sa filgħaxija.

It-Tribunal issa jindirizza l-kwistjoni ta' pagament. Għalkemm fir-Risposta, is-soċjetà konvenuta għamlet referenza għal xi pagament li sar *ex gratia*, m'hemm ebda prova dwar dan. L-unika ħaġa li toħroġ mill-provi hija li Manna ħallas elf Ewro (skont l-attur) jew elf u mitejn Ewro (skont ix-xhieda tiegħu stess) iżda dawn kienu għal servizzi finanzjarji relatati mal-formazzjoni tal-kumpanija. M'hemm assolutament ebda prova li Angelo Manna jew xi rappreżentant ieħor tas-soċjetà konvenuta għadda xi pagament lill-attur *ex gratia*. Għalkemm l-attur xehed li huwa żamm seba' mija u ħamsin Ewro (€750) mill-elf Ewro mgħoddija lilu minn Manna, dawn is-seba' mija u ħamsin Ewro (€750) kienu l-ammont rimanenti wara li tħallset Lindsay Axiaq għal servizzi ta' *drafting* tal-*Memorandum and Articles of Association* (l-ammont ta' mitejn u

ħamsin Ewro [€250]) skont *invoice* maħruġa minnha stess u esebita fl-atti. Għalhekk, ma jirriżultax li sar xi pagament *ex gratia*.

Il-ġurisprudenza sopra ċitata tgħallem li sabiex ikunu dovuti ħlasijiet għal servizzi ta' senserija, irid ikun hemm:

i. Konklużjoni tan-negozju prospettat;
ii. L-intromissjoni tas-sensar kellha tkun mitluba jew għall-inqas aċċettata miż-żewġ kontraenti; u
iii. L-attività tas-sensar kienet wasslet lill-partijiet għal *in idem placitum consensus*.

Rigward l-ewwel element, it-Tribunal huwa konvint li għalkemm ħadd ma' ppreżenta kopja tal-kuntratt ta' kirja, dan il-kuntratt kien fil-fatt konkluż, anki kif jirriżulta mill-*e-mails* li jirreferu għal ħlasijiet mensili rigward il-kirja. Inoltre, la fir-Risposta u lanqas fix-xhieda prodotta mis-soċjetà konvenuta ma ġie innegat li n-negozju prospettat ġie konkluż.

Rigward it-tieni element, huwa ċar li l-intromissjoni tal-attur ċertament ma ġietx <u>mitluba</u> minn TumasGasan jew mill-impjegati tagħha (skont ix-xhieda Edward Messina Ferrante u Maurice Tabone). Iżda jirriżulta li ladarba dawn irreferew għal negozjati jew trattattivi li saru tramite l-attur u fil-preżenza tiegħu, dawn ċertament aċċettaw l-intromissjoni tas-sensar u m'għamlu xejn biex ineħħuh min-negozjati. Tant hu hekk li Maurice Tabone xehed ċar (u ma ġiex kontradett) li TumasGasan Operations Limited ħallset lill-attur għall-intromissjoni tiegħu (kif ippruvat anki permezz tad-dokument a fol. 20). Tabone qal ukoll li hu ma kellu ebda interess jidħol fil-kwistjoni dwar jekk l-attur ġiex inkarigat iservi ta' sensar minn Angelo Manna għax dik il-kwistjoni ma kinitx tikkonċernahom.

It-Tribunal issa jgħaddi biex jeżamina jekk l-intromissjoni tas-sensar kinitx mitluba jew għall-inqas aċċettata minn Angelo Manna. Hawn, wieħed ma jridx jinsa li Manna huwa azzjonist u direttur fi ħdan is-soċjetà konvenuta. Dwar l-inkarigu, l-attur xehed li huwa kien speċifikament intalab minn Manna sabiex isib post addattat li seta' jinkera sabiex fih isir *gym*. Fix-xhieda tiegħu, Manna ċaħad dan u qal li huwa kien ħabib tal-attur u li kien talbu jakkumpanjah għal laqgħa ma' xi nies ta' Tumas Group bħala interpretu.

Hawn, il-verżjoni ta' Manna tibda tbati minn ċerti inkonsistenzi. Jekk Manna kellu bżonn interpretu u l-attur attenda (bħala interpretu) laqgħa waħda jew tnejn minn seba' jew tmien laqgħat man-nies ta' Tumas Group, kif kien possibbli għal Manna li jipparteċipa f'laqgħat produttivi<u>oħrajn</u> meta <u>skont ix-xhieda tiegħu stess</u>, hu ma kien jaf la Malti u lanqas Ingliż? Manna ma tax spjegazzjoni għal dan.

Manna xehed li hu kien talab lill-attur jakkumpanjah għall-laqgħat man-nies ta' Tumas Group bħala ħabib u interpretu. Qabel xejn, it-Tribunal josserva li huwa ċertament insolitu li persuna jitlob lil persuna oħra jakkumpanjah għal laqgħa dwar materji kummerċjali bħala ħabib. Laqgħa dwar kirja prospettata m'hix xi ħaġa li tista' tiġi ittrattata b'ċerta levità b'mod li wieħed jieħu miegħu lil min irid. <u>Manna, iżda, għalkemm xehed li talab lill-attur jakkumpanjah bħala ħabib u interpretu, qatt ma daħal fid-dettal dwar x'kien l-irwol preċiż tal-attur f'dawk il-laqgħat. Manna qatt ma spjega x'kien jagħmel jew jgħid l-attur tul dawk il-laqgħat. Partikolarment, Manna qatt ma xehed li l-involviment tal-attur kien limitat għar-rwol ta' interpretu.</u>

Għalhekk, it-Tribunal isib ferm iktar konvinċenti x-xhieda ta' Edward Messina Ferrante u ta' Maurice Tabone fejn Messina Ferrante kien ċar li kien l-attur li laqqgħu ma' Manna u fejn Tabone xehed li kien hemm diversi laqgħat li fl-aħħar, wasslu għal ftehim ta' kirja.

It-Tribunal josserva li x-xhieda prodotti mill-attur ipprovdew sekwenza. Skont ix-xhieda prodotti mill-attur, kien l-attur li laqqa' lil Manna ma' Edward Messina Ferrante u kien Messina Ferrante li bagħathom għand Maurice Tabone. Min-naħa tiegħu, Manna ipprova jispjega kif beda l-kuntatt man-nies ta' Tumas Group billi xehed li darba fost l-oħrajn kien qiegħed jitkellem ma' xi nies li nzertaw kienu nies ta' Tumas Group. Meta jipparaguna l-ispjegazzjonijiet, it-Tribunal ma jqisx il-verżjoni ta' Manna bħala waħda li sodisfaċentement tispjega s-*sequence of events*.

It-Tribunal jirrepeti li r-Risposta tas-soċjetà konvenuta <u>ma tinnegax</u> li l-attur qeda l-funzjoni ta' sensar iżda tgħid li ma kien hemm ebda ftehim speċifiku dwar dan u li l-attur aġixxa bħala ħabib. It-Tribunal jista' jieħu

dan bħala għall-inqas, aċċettazzjoni taċita tal-intromissjoni tal-attur bħala sensar. Fis-sentenza ***K.B. Real Estate Limited vs. P & JC Company Limited*** (deċiża mill-Prim' Awla fid-9 ta' Jannar 2004) intqal ċar li għal ftehim ta' senserija, ftehim miktub mhux neċessarju *ad validitatem* iżda xorta kellha ssir prova dwar dan.

It-Tribunal isibha diffiċli jifhem kif Manna, li ma kienx jifhem bil-Malti u bl-Ingliz (skont ix-xhieda tiegħu stess), ma talabx lill-attur sabiex jipprovdi servizzi ta' sensar. Manna ma spjegax, per eżempju, kif huwa ikkomunika man-nies ta' Tumas Group meta ltaqa' magħhom mingħajr l-attur. Għalhekk, it-Tribunal qiegħed jemmen lill-attur fuq dan il-punt u għalhekk jikkonkludi li Manna talab l-intromissjoni tal-attur bħala sensar.

It-Tribunal jgħaddi issa biex jeżamina jekk l-attur wassalx lill-partijiet għall-kirja għal *in idem placitum consensus*.

Fis-sentenza ***S.G. South Limited vs. Joseph Scicluna et***, deċiża fit-2 ta' April 2004, il-Prim' Awla qalet:

> "*L-iskop principali ta' kwalunkwe persuna sabiex takkwista d-dritt ta' medjazzjoni huwa dak li tlaqqa' l-kunsensi tal-partijiet interessati fl-operazzjoni wara ili jiehu sehem attiv u intelligenti fil-progettata u proposta konvenzjoni. Ghall-akkwist tas-senserija, is-sensar irid jara li permezz tieghu hu jlaqqa l-partijiet interessati fuq dawk l-elementi ta' l-operazzjoni, klassikament imsejjha "is-sostanzjali u l-accidentali" tal-kuntratt. Fejn tonqos din l-operazzjoni, u allura d-dritt tas-senserija ma jkunx dovut, ikun hemm lok ghal kumpens f'kaz ta' inkariku espress jew tacitu u xi xoghol li jkun ghamel il-medjatur. Meta ma jkunx tort tas-sensar li ma jsirx ftehim, jew dan jisfratta, huwa xorta wahda ghandu dejjem dritt ghal kumpens in bazi tal-mandat jew lokazzjoni d'opera, fissabbli fid-diskrezzjoni tal-Qorti skond ic-cirkustanzi kollha tal-kaz. L-ammont ta' kumpens hekk likwidabbli jista' f'certi kazi partikolari jasal wkoll ghall-ekwivalenza mas-somma li kienet tkun dovuta bhala senserija vera u proprja. Ma jirrikorrux l-elementi tas-senserija izda ta' semplici locatio operarum meta l-persuna tkun intromuviet ruhha b'inkarigu ta' wahda biss mill-partijiet.*"

Sabiex jikkonkorri t-tielet element tas-senserija, l-involviment tal-attur *qua* sensar irid ikun indispensabbli sabiex ilaqqa' l-kunsensi tal-partijiet u l-ftehim bejn il-partijiet – f'dan il-każ, bejn Manna jew is-soċjetà konvenuta u bejn TumasGasan. Il-provi prodotti huma ftit fqar fuq dan il-punt. Maurice Tabone xehed biss li n-negozjati ħadu xahrejn jew tlett xhur u kien hemm diversi ikliet. Tabone kompla jixhed li d-dettalji tal-kirja ġew konklużi bejnu u bejn Manna. Hawn ma saret ebda referenza dwar x'kien l-involviment tal-attur relattivament għad-dettalji kollha tal-kirja. Billi Tabone xehed li l-attur ġieli kien preżenti għall-laqgħat u ġieli ma kienx, it-Tribunal ma jinsabx konvint li l-attur kien intimament involut fid-diskussjonijiet saħansitra dwar l-iċken dettalji tal-kuntratt tal-kirja. Nonostante dan, lanqas it-Tribunal m'għandu dubju li l-attur kien strumentali għall-konklużjoni tal-kirja relattiva.

It-Tribunal qara t-traskrizzjoni tat-trattazzjoni li saret u qagħad ferm attent għall-punti li saru mill-abbli difensuri tal-partijiet.

Għalkemm it-Tribunal jemmen li Manna u n-nies ta' TumasGasan iltaqgħu permezz tal-attur *qua* sensar, it-Tribunal ma jarax li hemm biżżejjed provi sabiex jikkonkludi li l-attur *qua* sensar daħal f'kull dettal possibbli tal-kuntratt b'tali mod li idderieġa l-proċedimenti sakemm instab ftehim amikevoli bejn il-partijiet għall-kuntratt fuq kull punt. Għalhekk, in linea mal-ġurisprudenza, it-Tribunal huwa tal-fehma li t-tielet element tas-senserija ma jinsabx kompletament preżenti. Fin-nuqqas tat-tielet element u partikolarment fid-dawl tal-fatt li kien hemm inkarigu espress jew taċitu, hemm *locatio operarum* u għalhekk, kif stabbilit mill-ġurisprudenza, il-kumpens għandu jkun illikwidat *arbitrio boni viri*.

Sabiex it-Tribunal ikun jista' jillikwida kumpens xieraq, kien ikun idoneu li jkun ippreżentat kopja tal-kuntratt konkluż. Sfortunatament, ebda wieħed mill-partijiet ma ppreżenta xi prova dwar l-essenzjali tal-kuntratt u l-valur tal-kirja. Għalhekk, it-Tribunal ma jistax imqar jieħu idea tal-valuri involuti.

It-Tribunal josserva li għalkemm l-attur talab l-ammont ta' tlett elef u tlett mija u ħamsin Ewro (€3,350) bħala ħlas għal servizzi ta' senserija, huwa wkoll naqas li jispjega kif wasal għal dak l-ammont u għaliex

kien proprju dak l-ammont li ntalab. Sabiex jaċċerta ruħu li jkun ippreżenta l-aħjar prova possibbli, it-Tribunal huwa tal-fehma li kien ċertament possibbli għall-partijiet li jippreżentaw kopja tal-kuntratt tal-kirja. Fin-nuqqas ta' dan, it-Tribunal ċertament ma kienx megħjun mill-partijiet sabiex jasal għal kumpens ekwu u ġust.

It-Tribunal osserva li fl-Avviż tat-Talba, l-attur talab li s-soċjetà konvenuta tkun ikkundannata tħallas l-ispejjeż relattivament għal ittra uffiċjali li ntbagħtet. Bid-dovut rispett, it-Tribunal josserva li ma ġiet ippreżentata assolutament ebda prova li ntbagħtet xi ittra uffiċjali jew li saret xi interpellazzjoni kwalsiasi u għalhekk, din it-talba speċifika ma tistax tiġi milqugħa.

Rigward interessi, it-Tribunal jinnota li ladarba ma ġietx ippreżentata kopja tal-kuntratt, it-Tribunal m'għandu ebda mod sabiex isir jaf meta ġie ffirmat il-kuntratt u għalhekk, minn meta l-interessi huma dovuti. Għalhekk, it-Tribunal ma jistax jilqa' din it-talba speċifika.

**Deċide**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba tal-attur limitatament għas-somma ta' elfejn Ewro (€2,000), liema somma hija illikwidata *arbitrio boni viri* mit-Tribunal in linea ta' kumpens għal *locatio operarum* u b'hekk jikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas din is-somma lill-attur.

It-Tribunal jiċħad il-partijiet tal-Avviż tat-Talba fejn intalbu l-ispejjeż ta' ittra uffiċjali u l-interessi stante dak fuq spjegat.

It-Tribunal jordna li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mis-soċjetà konvenuta.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**